KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

**LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 22kont**

It-tnejn u għoxrin (kontinwazzjoni) laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 4 ta' Marzu 2014 fis-6.35pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
2. *Aġġudikazzjoni għat-tender dwar il-Playing Fields*
3. *Rapporti mil-Contracts Manager*
4. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
5. *Aġġornament*

*Kien hemm qbil li l-Kunsill jgħaddi għal item 2*

## 2. AĠĠUDIKAZZJONI GĦAT-TENDER DWAR IL-PLAYING FIELDS

2.1 Is-Sindku rrefera għall-offerti tat-tender għall-*playing fields* u qal li hemm offerta waħda biss li tilħaq l-*ispecifications*, izda li hemm bzonn ta' xi kjarifikci kif indikat mill-Inġinjier. Il-Kunsill talab għal kjarifika lill-applikant. Il-kjarifka ma

laħqitx waslet sa din is-seduta iżda għanda tasal sal-Ġimgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li sa' l-aħħar ta' Marzu 2013 is-Segretarju Parlamentari F. Mercieca qal li se joħorġu applikazzjonijiet għall-Kunsilli Lokali għal fondi dwar proġetti relattati ma' persuni b'diżabilita.

*Daħlu l-Kunsilliera M. Briguglio u P. Radmilli fis-6.40pm*

2.2 Il-Kunsill għandu jissottometti l-applikazzjoni għall-fondi bi proġett sħiħ tal-*playing fields* li jkunu jinkludu bandli għall-persuni b'diżabilita.

2.3 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill għandu jagħmel użu wkoll mill-isponsor PlayMobil għall-bandli. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li nistgħu nagħmlu użu kemm mill-iskema kif ukoll mill-isponsors. Il-Kunsill qabel li għandu jintgħażel it-tender u jmexxi minn hemm bl-applikazzjoni.

2.4 Il-Kunsillier M. Briguglio fakkar li l-bandli jridu jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita ukoll u li jitferrxu fi *Playing Fields* oħra.

2.5 Is-Sindku qal li jkun hemm bżonn li ssir laqgħa oħra tal-Kunsill għall-aġġudikazzjoni tat-tender.

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar fis-6.45pm*

## 1. RAPPORTI MIS-SOTTO KUMITATI

1.1 Dwar it-tender tal-gbir ta' skart il-Kunsillier P. Radmilli saqsa x'se jiġri minn dawk l-appartamenti li għandhom skips li l-iskart kien jiġi miġbur minnhom. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinfurmah bihom. *Skart*

1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka dwar il-fatt li l-Kunsill ma jistax jiġbor skart ta' ħwienet u *catering establishments*. Il-Kunsill jagħti servizz lir-residenti biss. Jekk il-kuntrattur ta' qabel kien jagħmel dan bi ftehim magħhom bil-kuntrattur il-ġdid se tkun differenti b'hekk il-Kunsill għandu jispjega f'każ li jkollhom xi ilment.

1.3 Is-Sindku ppropona li noħorġu stqarrija għall-istampa fejn inkomplu bil-kampanja li l-Kunsill kien beda 'Lets' be Sliema Smart, Tas-Sliema bla Skart' fejn ninfurmaw li l-Kunsill għandu kuntratturi ġodda tal-ġbir tal-iskart, kenniesa kif ukoll *bulky refuse*. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li kellha *feedback* pożittiva dwar il-kenniesa.

1.4 Is-Sindku infurma li s-CSD lesti li jipprovdu *mobile toilets* għal erbgħa xhur sakemm insibu soluzzjoni oħra. It-tindif irid issir min-naħa tal-Kunsill.

1.5 Is-Sindku qal li l-Kunsill jista jibda jaħdem biex ikollu latrini pubbliċi tiegħu *Public/Private partnership* trid tkun devoluta lill-Kunsill.

## 3. RAPPORTI MIL-CONTRACTS MANAGER

3.1 Ġie nnotat li preżentament il-*contracts manager* qiegħed jagħmel rapporti dwar it-tabelli mwaħħla fejn qiegħed idur żona żona u jindika fejn hemm bżonn

li jitranġaw. Qiegħed jagħmel eżerċizzju wkoll dwar linji sofor ta' garaxxijiet, hekk kif ukoll jiċċertifika il-kontijiet tal-kuntratti li jissorverlja.

3.2 Il-Kunsillier J. Pillow qal li jixtieq li l-*contracts manager* ninvolvuh f'*construction sites* u u jekk hemm bżonn jattendi wkoll l-laqgħat tas-sotto kumitat. Is-Sindku qal li tajjeb li jkun infurmat u jiġi nfurmat permezz tal-email.

3.3 Il-Kunsillier P. Portelli qal li hemm bżonn li jkollu aktar inizjattiva eżempju fejn jara ħofra jinfurmana. Hemm bżonn li jkun hemm titjib fis-servizz.

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu saqsa għar-rapport tax-xogħol li jagħmel pero għadu ma wasalx. Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li hemm bżonn jibgħatilna rapport kull ġimgħa fejn jinforma lill-Kunsill bix-xogħol li jkun għamel. Qalet ukoll li importanti li jsir minn issa qabel ma jagħlaq il-*probation period.*

3.5 Kien hemm qbil li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiltaqgħu mal-*Contracts Manager* flimkien mal-Perit Stephen Farrugia.

3.6 Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li hemm uħud mill-kuntratturi li meta jwaqqgħu blokka ma jerġgħux jitwaħħlu l-plakka tal-isem tat-toroq. Il-Kunsilliera P. Portelli irrimarka wkoll lil hemm site fi Triq Dingli fejn qegħda bla bankina u bla dawl. Il-Kunsill għandu jinfurma lill-Perit Farrugia għaliex huma responsabbli tas-site bħala *Malta Planning Design Consultants.*

## 4. SUĠĠERIMENTI TAL-KUNSILLIERA

4.1 Il-Viċi Sindku propona li l-Kunsill għandu jorganizza *seminar* dwar kif il-Kunsill jista jgħin biex jitaffu inkonvenjenzi lir-residenti. Il-Kunsill għandu jagħmel kuntatt ma MDA, MEPA kif ukoll il-pulizija. Kien hemm qbil dwar dan. *Seminar għar-residenti*

4.2 Il-Viċi Sindku propona li ċertu trakkijiet m'għandhomx jgħaddu minn ċertu toroq dojoq f'Tas-Sliema. Għandu jkun hemm *bye law* wkoll li trakkijiet jiġu mnaddfa mit-tajn fis-siti ta' kostruzzjoni. Kien hemm qbil dwar dan. *Trukkijiet jiġu mnaddfa – bye law*

4.3 Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li fil-laqgħa li l-Kunsill kellu mas-Superintendent A. Mamo qalet tgħaw l-informazzjoni li ma tantx jirraportaw krimanilta f'Tas-Sliema. Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li hi tisma b'ħafna f'Tas-Sliema. Ġie propost li titwaħħal *camera* biex jiġu osservati areas partikolari.

4.4 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li filwaqt li jaqbel li jiġu osservati l-inħawi f'Tas-Sliema permezzz ta' cameras, il-Kunsill irid jiċċekkja li din tista ssir minħabba *data protection.* Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li tajjeb li niċċekjaw minħabba l-abitanti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandu jiċċekkja mal-avukat. *Cameras f'Tas-Sliema*

4.5 Il-Kunsilliera V. Galea Pace proponiet li għandu jsir klabb tal-boċċi għall-anzjani. Il-Kunsill għandu jiltaqa mal-membri tal-klabb. *Klabb tal-boċċi*

4.6 Il-Kunsilliera V. Galea Pace proponiet li l-Kunsill għandu jikteb ittra ta' awguri lil persuna li ħadet *STAR Award* li hija min tas-Sliema.

4.7 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li l-aħħar laqgħa mal-MEUSAC ġie diskuss li l-Kunsill jista jiggwadanja minn persuna li tgħina kif napplikaw għall-fondi tal-UE fejn din il-persuna titħallas minn l-istess fondi tal-UE. Kien hemm qbil li din il-persuna taħdem għal tletin siegħa kull ġimgħa dwar relazzjonijiet mal-Anzjani. *Fondi UE*

4.8 Għall *Street Art Festival* kien hemm qbil li jrid jiġi fformolat program għall-*youth exchange* li tinkludi *accomodation*, flights, *air transfers* u spejjeż għal *workshops*. Il-Kunsill se japplika biex ikun jista jibbenifika mil-fondi tal-EU. Sadanittant il-Kunsillier P. Portelli qal li għamel diversi kuntatti ma sponsors li jistgħu jgħinu f'din l-attivita. Kien hemm qbil li l-ispejjeż li se joħroġ il-Kunsill għandhom ikunu ffukati fuq *Marketing* u *Sound*/Dawl. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa f'April għax forsi sa dak iż-żmien ikollu aktar dettalji ta' l-ispejjeż li se tinvolvi din l-attivita. Il-Kunsillier P. Portelli għandu jiltaqa ma Dott. Cremona fuq l-aspett kif għandu jiġi miktub *draft agreement* dwar l-attivitajiet mal-NGO involuta fl-organizzazzjoni tal-festival. Il-Kunsill għandu jitlob għal kwotazzjonijiet għal *sound* għal SSAF. *SSAF*

4.9 Il-Kunsillier P. Radmilli propona li l-proposti tal-Kunsill jibdew jittellgħu fuq il-*website* tal-Kunsill bħala PR tal-Kunsill. *website*

4.10 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet jekk il-Kunsill hux qiegħed *up to date* mal-minuti li jiġu mtella fuq il-website tal-Gvern. Ġiet infurmata li aħna qegħdin tajjeb għax filfatt il-Kunsill Tas-Sliema mhux inkluż mal-lista tal-memo li bgħat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

4.11 Il-Kunsillier D. Muscat propona li l-Kunsill għandu jkollu Jum Tas-Sliema. Din l-attivita tinvolvi li jgħaqqad il-baned kollha tas-Sliema u jsiru xi attivitajiet li tinżamm il-kultura Maltija. Il-Kunsill jaqbel ma din il-proposta u għandu jkun hemm aktar diskussjonjiet. *Jum tas-Sliema*

4.12 Il-Kunsillier M. Brigulgio qal li jixtieq li jiġi diskuss il-ġbir tal-iskart mill-bajjiet.

*Il-Kunsilliera M. Briguglio, V. Galea Pace, P. Portelli u P. Radmilli ġew skużati mis-seduta fit-8.20pm*

4.13 Il-Kunsilliera L. Cassar talbet li ssir *traffic mirror* mill-LA Rive. Kien hemm qbil. *Traffic mirror*

4.14 Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li fi Triq Tigne in-nies qegħdin ikollhom jinżlu minn fuq il-bankina minħabba l-karozzi pparkjati fuq il-bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nibdew nibgħatu l-gwardjani lokali.

4.15 Il-Kunsilliera L. Cassar infurmat li fi Triq Manwel Dimech hemm grocer magħluq kollu garbage. Il-Kunsill għandu jirraporta lis-Sanita biex jgħid lis-

sid.

4.16 Il-Kunsilliera L. Cassar infurmat li fi Triq il-Kbira hemm 'Betting Company' fejn il-pubbliku li jkollu barra qegħdin jarmu sigaretti fl-art. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jilataqa magħhom.

4.17 Il-Kunsilliera L. Cassar infurmat li fi Triq il-Kbira fejn 'Hole in The Wall' hemm bżonn li nibgħatu *Green Wardens* għaliex hemm min qiegħed joħroġ l-iskart f' ħinijiet varji.

4.18 Il-Kunsillier D. Muscat qal li hemm bżonn ta' aktar *doggie bins* fi Triq Carmel.

4.19 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal *cabinets* li hemm fuq il-bankini madwar Tas-Sliema tal-kumpanija GO, u talab għal pjanti tagħhom. Il-Kunsill għamel laqgħa magħhom.

*Il-Viċi Sindku ġie skużat li jitlaq mis-seduta fit-8.35pm*

4.20 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa x'se jagħmel il-Kunsill fuq id-deċiżjoni li l-Kunsill kien ħa li jixtri t-tiżjin tal-Milied ftit ftit.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Is-Seduta spiċċat fit-8.40pm. Seduta oħra għanda ssir nhar l-Erbgħa 26 ta' Marzu 2014 fis-6pm.

Minuti approvati llum 26/03/2014

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**